MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 97/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Parnis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Settembru, 2008, ghall-habta ta' 2.50 a.m., fil-fond "Casa Madonnina", Triq Tumas Chetcuti, Attard :
1. bl-imgieba tieghu kkaguna lill-imsemmija persuna tibza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija f'artikolu 222(1) Kap. 9;
2. gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lill-imsemmija persuna, b'mod li kien jaf jew kien imissu jaf li dak kien ta' fastidju ghal persuna ta' Maria Parnis.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Marzu, 2009, li biha, wara

li rat l-artikoli 251B u 251A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni akkuza w ghaldaqstant illiberatu minnha, filwaqt li sabitu hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu tlitt (3) xhur prigunerija.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-appellant mit-tieni akkuza, tvarja l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w konsegwentement tilliberah minnha, alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata w dan billi tikkonferma s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel akkuza w tvarja l-parti tas-sentenza li fiha l-appellant gie kkundannat ghal tlett xhur prigunerija w konsegwentement tibdel il-piena nflitta ghal wahda aktar lievi w dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xieraq w opportuni.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-Ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tal-appellant minkejja li kien hemm konflitt car fil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni; 2. Li l-ewwel akkuza li hija bbazata fuq l-artikolu 251B tal-Kap. 9, biex tirrizulta jrid ikun hemm l-element tal-kontinwita' ta' agir li jwassal ghal imgieba li fit-test Ingliz huja indikata bhala *"course of conduct"* u fit-test Malti bhala *"imgieba".* Ghalhekk ir-*ratio legis* ta' dar-reat imur oltre semplicement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi hadd biex ihossu mhedded. Irid ikun hemm ghalhekk regolarita', b' fatti diversi, fuq periodu ta' zmien u r-reat mhux intiz ghall-okkazzjoni wahda jew ghal akkuza li tirrisali ghall-incident partikolari izda ghal okkazzjonijiet li fihom isehh *"course of conduct"* li jwassal biex persuna tibza kif imfisser fl-istess artikolu. Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati ta' dan ir-reat peress li si tratta t' incident izolat. 3. Il-piena inflitta hija wahda gravuza w ghandha tigi sostitwita b' piena aktar miti partikolarment meta l-Ewwel Qorti ddecidiet li tinfliggi piena karcerarja effettiva.
Semghet ix-xhieda fl-udjenza tat-30 t' April, 2009;
Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha li bih il-kawza giet rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;
Ikkonsidrat;
Illi l-provi f' din il-kawza jikkonsistu fl-affidavit ta' PS 321 Alan La Grasta (fol.4) u x-xiehda moghtija minn Maria Parnis quddiem din il-Qorti.
**PS La Grasta** ddikjara li fit-13 ta' Settembru, 2008, ghall-habta tal-4.15am., waqt li kien xoghol fl-Ghassa ta' Birkirkara, gie infurmat li fi Triq Chetcuti, Attard, u precizament fil-fond Casa Madonnina, kien hemm mara li kellha bzonn l-assistenza. Hu mar fuq il-post u hemm kellem lil Maria Parnis li qaltlu li r-ragel taghha l-appellant u hi kienu qeghdin f' kawza ta' separazzjoni w skond Digriet tal-Qorti tal-Familja tal-14 ta' Frar, 2008, hi w uliedha kellhom jibqghu jghixu fid-dar konjugali ad eskluzzjoni tal-appellant. Pero' dakinhar f' xis-2.30am., waqt li hi kienet fil-kamra tas-sodda, sabet lill-appellant hemm gew. Dan xeghel id-dawl u qalilha: *"Qed tara kif nidhol? Cempel lil dawk il-pufta tal-Pulizija issa."* Ix-xhud ghamel tfittxija fir-residenza w ma nnota ebda sgass. Ghamel ukoll tfittxija fl-inhawi izda l-appellant ma nstabx. Hu kien baghat ghall-appellant diversi drabi izda dan baqa' ma marx . Ghalhekk hariglu l-akkuzi.

**Maria Parnis** xehdet li dak in-nhar filghodu ghall-habta tat-2.50 am. kienet qed tistenna lit-tifla l-kbira ta' 20 sena gejja lura minn riceviment. Kienet qed tistenniha ghal raguni li xi darba ohra l-appellant kien abbuza ukoll li jidhol id-dar. Kienet ziedet il-firrolli biex ma jidholx. L-appellant ghandu ordni tal-Qorti moghtija mill-Imhallef Cuschieri biex ma jidholx fid-dar u li fid-dar hemm ordni li tabita fiha biss ix-xhud w uliedha. Hi kienet lubiena fuq is-sodda mhux rieqda w tarah fuqha. Baghbas fis-serratura w dahal mill-bieb ta' barra w tela' t-tarag u dahal u f' daqqa wahda sabitu fuqha. Ma messiex pero'. Qalilha *"Hawn nidhol x' hin irrid u meta rrid."* u x'hin kien niezel it-tarag bil-mod qalilha : *"Alla habbek illum."* Ma tafx x' ried ifisser biha pero' ghaliha tfisser hafna. Hi nizlet tigri t-tarag biex iccempel lil Pulizija. Hu telaq jigri 'l barra. Kien dam xi sitt minuti hemm gew. Umbaghad lahqet giet id-dar it-tifla l-kbira w ghalqu bil-*locks* bil-firrolli minn mal-hajt. Meta gew il-Pulizija ma lahquhx hemm lill-appellant. Ghall-

habta ta' bejn il-hamsa nieqes ghaxra w il-hamsa (5am.), l-appellant rega' mar hemm u beda jsabbat fuq il-bieb u jhedded *"Ha noqtolkom it-tlieta."* Ma setax jidhol ghax hi tellghet il-lukkett ma tas-saqaf u ma tal-art. Ghamel hsara kbira lil bieb dak in-nhar. Hi bdiet iccempel u l-Pulizija nqalghu immedjetament pero' l-appellant lahaq telaq bil-karozza Mercedes CBA 256 bajda.
Wara xi hin, xi ghoxrin minuta, nofs siegha, regghet semghet storbju w semghat il-Pulizija jghajjtu: *"Raymond ieqaf."* Pero' hu startja w baqa' sejjer u huma bdew jigru warajh. Igifieri l-Pulizija lahquh u kien ser jerga' jaghmel l-istorbju.

L-appellant kellhu garanzija li ma jistax jersaq lejha imposta mill-Magistrat Audrey Demicoli.

Umbaghad hi ngabret mat-tfal u ghal xis-7 am ghajtulha il-Pulizija l-ghassa biex tmur tkellimhom. Hi marret bit-tfal b' kollox u bl-gharus tat-tifla, li wassalha hu. Hemm il-Pulizija kienu infurmawha li l-appellant kien qieghed taht arrest u li x' aktarx kienu ser iressquh il-Qorti bl-urgenza peress li kien kiser l-ordni tal-Magistrat li ghamlitlu l-garanzija w tal-Imhallef. Il-Pulizija qalilha biex tmur mohha mistrieh id-dar. Wara, f' xil-4pm., il-Pulizija qalulha li l-appellant ma kienx ghadu taht arrest.

In kontro-ezami, x-xhud qalet li dak in-nhar il-pulizija gew darba d-dar u barra darbtejn. PS 321 kien mar god-dar darba. Mat-tielet darba l-Pulizija qabduh lill-appellant fit-tela' ta' Haz-Zebbug.

**L-appellant** la xehed quddiem l-Ewwel Qorti w ergo lanqas ma seta' jixhed quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju dwar konflitt fil-provi hu manifestament infondat ghax versjoni wahda hemm u cioe' dik ta' Maria Parnis u din bl-ebda mod ma giet kontestata jew b' xi mod kontradetta mill-appellant. Il-fatt li l-affidavit ta' PS La Grasta jirriferi biss ghall-ewwel intervent tal-Pulizija wara li l-appellant kien dahal fid-dar b'

ebda mod ma jfisser li iz-zewg episodji sussegwenti ma sehhewx. Hu possibbli li fiz-zewg incidenti l-ohra kienu involuti pulizija differenti li ma xehdux pero’ b’ daqshekk din il-Qorti ma tistax tiskarta l-prova diretta w attendibbli li gejja mix-xiehda guramentata ta’ Maria Parnis. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi dwar t-tieni aggravju li hu bazat fuq il-fatt tan-nuqqas ta’ kontinwita’ fil-kondotta tal-appellant u li l-incident kien wiehed izolat u ghalhekk ma kienx hemm il-*course of conduct*, jigi osservat is-segwenti.

Illi r-reat tal-“fastidju” (fit-test Ingliz *“harassment*”) gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251ª, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 215ª johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruha b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’ mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht it-tieni imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b’ mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’ reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’ : (“*alarming”)* jew idejjaq: (“*causing ..distress”)* lill-persuna. Minn din l-akkuza l-appellant gie liberat.

Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta’ min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza’ li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta’ tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza’ kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni li l-appellant instab hati tieghu. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju

enuncjat fl-art. 251ª u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("*whose course of conduct is in question*"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-*reasonable man*. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *"harassment".* Issa fil-waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.
F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz *"stalking*". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "*patterns of behaviour".* Jezistu per ezempju kazijiet ta' ***"rejected stalkers"*** fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-*"rejection*" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' *"resentful stalkers"* li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Jidher li l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu taht dawn it-tipi ta' fastidju.

Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u

impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez"** [21.6.2007**]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila"** [12.2.2009] u ohrajn)

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini"** [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*Harassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Mejqus b' dan il-mod altru li jirrizulta l-element ta' ripetizzjoni w tal-persistenza f' dan il-kaz, kemm fit-tlitt incidenti li ssuccedew wara xulxin fit-13 ta' Settembru, 2008, kif ukoll fl-isfond tal-incidenti precedenti li jirrizultaw mill-fedina penali tal-appellant.

Illi l-fatt li l-hin li jissemma fil-komparixxi hu dak tas-2.50am. li jirriferi ghall-hin meta beda l-ewwel minn sensiela ta' incidenti separati li segwew lil xulxin, fil-fehma ta' din il-Qorti, bl-ebda mod ma jeskludi l-kontinwita' tal-incidenti li ssussegwew wiehed wara l-iehor b' intervalli qsar ta' hin bejnithom kmieni fil-ghodwa tat-13 ta' Settembru, 2008.

Ghalhekk anki t-tieni aggravju tal-appellant jidher infondat u qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena dment li dik il-piena tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament esagerata. Issa l-piena minima ghar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni hija dik ta' tlitt xhur prigunerija, li tista' titla sa massimu ta' sitt xhur prigunerija. Hemm umbaghad il-piena alternattiva tal-multa li fil-minimu taghha tkun dik ta' Ewro 4,658.75 u tista' titla' sa massimu ta' Ewro 11,646.87c. Il-piena ta' prigunerija w il-multa jistghu mbaghad jigu erogati flimkien skond l-artikolu 251B (1). Ghalhekk il-piena ta' tlitt xhur prigunerija kienet zgur entro l-parametri legali.

Illi meta erogat din il-piena, l-Ewwel Qorti qalet espressament li dan ma kienx xi kaz izolat u li hija kienet gja' sabet lill-appellant hati ta' reati ohra simili fil-konfront tal-mara tieghu w ghalhekk kellha taghti piena li tirrifletti l-gravita' tal-kaz u tipprova tissalvagwardja l-inkolumita' tal-vittma tal-aggressjoni kontinwa tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi mill-ezami tal-fedina penali tal-appellant jirrizulta li hu ghandu mhux inqas minn tnax il-kundanna mill-Qrati. Kien gie misjub hati erba darbiet li hebb ghal martu w ikkagunhala offizi ta' natura hafifa kif ukoll darba li hebb ghal u ingurja lil bintu. Kellu diversi incidenti ta' glied w uzu ta' vjolenza ma terzi w gie kundannat ghal-reati relattivi erba darbiet. Ghalhekk jidher li l-appellant ghandu karattru li jtendi ghall-glied u dan bir-ragun jikkaguna certa biza' w apprensjoni f' mohh martu.

Inoltre, l-agir tal-appellant kien imur espressament kontra zewg ordnijiet tal-Qrati w dan kien indubjament jirrendieh aktar gravi.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni ghaliex ghandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti w dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w is-sentenza qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------